MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 695/2003

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED U DIN GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TAS-SOCJETA ESTERA CGU INSURANCE PLC HEKK KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGHHA NICHOLAS BORG SIJA BIL-POLZA U SIJA BIL-LIGI U L-ISTESS NICHOLAS BORG U B'NOTA LI GIET PREZENTATA FIT-23 TA' MEJJU 2003 IS-SOCJETA GASANMAMO INSURANCE LIMITED ASSUMIET L-ATTI MINFLOK IS-SOCJETA ATTRICI**

**VS**

**DAVID SAID**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal :

Ra l-avviz prezentat mill-atturi fis-7 ta’ April, 2003, li permezz tieghu talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ hames mija u wiehed u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm591.47) rappresentanti danni kagunati f’ incident awtomobilistiku tat-18 ta’ April, 2002, f’ Bugibba, bejn il-vettura bin-numru DAC 304 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru CBF 064 misjuqa minn, u proprjeta’ tal-assikurat tas-socjeta’ attrici, Nicholas Borg, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici u li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. L-ammont mitlub jinkludi hamsa u sebghin lira Maltin (lm75) ‘Excess’ imhallsa mill-attur Nicholas Borg li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk tal-ittra ufficcjali tas-6 ta’ Jannar, 2003, u bl-imghax pagabbli mis-6 ta’Jannar, 2003 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut David Said prezentata fit-28 ta’ April, 2003, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident *de quo* sehh unikament b’ negligenza, traskuragini, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur Nicholas Borg, billi dan hareg minn triq laterali minghajr ma osserva l-iStop Sign relattiv u minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgha lix-xhieda prodotti bil-gurament u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

**IKKUNSIDRA :**

Jirrizulta mill-provi li l-attur Nicholas Borg kien qed isuq il-vettura tieghu numru CBF 064 hiereg minn Triq San Glormu, Bugibba, li hi triq laterali, ghal go Triq L-Ghaxra ta' Frar, Bugibba, li hi triq principali. Fit-triq fejn kien l-attur hemm stop sign fl-inkrocju ma' Triq l-Ghaxra ta' Frar, u hu jghid li kien waqqaf il-vettura tieghu ghall-kollox fil-kantuniera biex jesplora t-traffiku li seta' kien ghaddej fl-imsemmija triq principali. Hu jghid li meta ra li seta' jipprocedi, beda biex isuq, kemm kemm jiccaqlaq, meta gie il-konvenut David Said minn fuq ix-xellug tieghu fl-imsemmija triq principali isuq il-vettura numru DAC 304. Il-habta saret proprju fl-inkrocju ta' dawn iz-zewg toroq, kif muri fl-iskizz esebit.

Bhala rizultata ta' din il-habta, l-attur sofra hsarat fil-vettura tieghu fl-ammont ta' Lm591.47c, liema ammont jinkludi is-somma ta' Lm75 li hu hallas minn butu bhala 'excess', u l-bqija thallas mis-socjeta' attrici ta' assikurazzjoni stante li l-attur kellu polza 'comprehensive' ta' assikurazzjoni maghha.

Minn naha tieghu, il-konvenut David Said jghid li hu kien ghaddej b' mod normali fi Triq l-Ghaxra ta' Frar, u qal li peress li fuq iz-zewg nahat ta' din it-triq kien hemm vetturi pparkjati, hu bilfors kellu jzomm ghal nofs it-triq. Hu jghid, pero', li b' dana kollu hu kien qed izomm aktar fuq ix-xellug tieghu milli fuq il-lemin, u jsostni li ma kienx 'wrong side', kuntrarjament ta' kif qed jallega l-attur. Il-konvenut Said jghid li meta kien qed javvicina l-inkrocju ma' Triq San Glormu, ra karozza hierga minn dik it-triq minghajr ma waqfghet fuq lis-stop sign, ipprova jibbrejkja biex jevitaha, izda kien ghalxejn, u sehhet il-habta ma' dik il-karozza li kienet qed tinstaq mill-attur Nicholas Borg.

Illi dwar din l-allegazzjoni ta’ xi vetturi pparkjati maz-zewg nahat ta’ Triq l-Ghaxra ta’ Frar, filwaqt li l-konvenut Said jghid li kien hemm tali vetturi hekk ipparkjati, u allura kellu jzomm lejn nofs it-triq imsemmija biex jghaddi, minn naha tieghu l-attur Nicholas Borg jghid li ma kien hemm l-ebda karozzi pparkjati b’ dak il-mod kif qed jallega il-konvenut, kif lanqas ma kien hemm karozzi pparkjati fi Triq San Glormu minn fejn hareg l-istess attur.

Ix-xhud Josette Zammit, prodotta mill-attur, u li kienet passiggiera fil-vettura tieghu meta sehhet il-habta, tghid u tikkonferma li l-attur waqaf kompletament fuq l-istop sign, esplora sewwa Triq l-Ghaxra ta’ Frar, u meta ra li dik it-triq kienet ‘clear’, beda hiereg ghal go din it-triq. Bhal l-attur, Zammit tghid li fi Triq l-Ghaxra ta’ Frar ma kien hemm ebda karozzi pparkjati kif sostna li kien hemm il-konvenut.

**IKKUNSIDRA :**

Illi jirrizulta mill-iskizz esebit li la fi Triq San Glormu u lanqas fi Triq l-Ghaxra ta’ Frar ma jidher li kien hemm vetturi ta’ terzi pparkjati. Ghall-inqas ma hemm ebda indikazzjoni fuq dan l-iskizz li kien hemm vetturi pparkjati f’ dawn it-toroq.  Dan apparti l-fatt li anke fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz m’hemm l-ebda riferenza ghal dan il-fatt [ara verzjoni tal-konvenut]. Huwa minnu li jekk fit-triq kien hemm vetturi pparkjati, il-wisa’ taghha tigi ridotta konsiderevolment.  Pero’ dwar dan hemm verzjonijiet kontrastanti u f’kull kaz it-Tribunal jifhem li kieku verament kien hemm vetturi pparkjati, dawn kienu jigu ndikati fl-iskizz.

Illi ghalhekk mehuda in kunsiderazzjoni dawn il-provi kollha, fil-komplessivita’ taghhom, it-Tribunal hu tal-fehma li l-attur Nicholas Borg ikkontribwixxa ghal dan l-incident meta hareg xi ftit minn Triq San Glormu, li hi triq sekondarja u laterali, ghal got- triq principali Triq l-Ghaxra ta’ Frar, u dan wara li kien issupera l-istop sign li hemm fi

Triq San Glormu. Ghalkemm Triq l-Ghaxra ta’ Frar mhiex xi triq kompletament dritta, u fiha liwja, il-vizwali taghha ghal min ser johrog fiha minn Triq San Glormu hi wahda sufficcjentement tajba u fil-hin ta’ l-incident ma jirrizulta li ma kien xejn li seta’ kien qieghed jostakola l-vizwali tal-konvenut. Hu kaz, ghalhekk, fejn l-attur ma hax ‘**a proper lookout**’ meta hareg minn triq sekondarja ghal go triq principali. Jekk verament waqaf ghall-kollox fl-inkrocju fuq l-istop sign, u jekk verament esplora it-toroq sewwa ghat-traffiku li seta’ kien ghaddej minn hemmhekk, kellu indubjament jinduna u jara lill-konvenut gej bil-vettura tieghu fi Triq l-Ghaxra ta’ Frar minn fuq ix-xellug tieghu.

Illi filwaqt li l-attur Nicholas Borg kellu l-obbligu li joqghod attent u prudenti qabel ma hareg minn triq laterali w sekondarja ghal go triq principali, minn naha tieghu l-konvenut David Said kellu wkoll l-obbligu li juza certa prudenza, jekk hemm bzonn anke billi jaghti pre-avviz tal-presenza tieghu (bl-uzu tal-horn, etc), aktar u aktar meta kien qed javvicina ‘road junction’, cioe’ Triq San Glormu ma’ Triq l-Ghaxra ta’ Frar. Jekk verament kien hemm vetturi pparkjati maz-zewg nahat ta’ Triq l-Ghaxra ta’ Frar, kif qed jallega l-istess konvenut, allura aktar u aktar kellu joqghod attent fis-sewqan tieghu partikolarment meta kien riesaq lejn triq laterali jew ‘road junction’. Barra minn hekk, jirrizulta mill-iskizz li meta saret il-habta, il-konvenut Said kien qed jiskorri nofs it-triq u kien in parte bil-vettura tieghu ‘wrong side’. Ghalkemm il-konvenut kien ‘a main road user’, dan il-fatt ma jaghtihx xi drittijiet partikolari assoluti fuq kullhadd u fuq kollox, fis-sens li hu seta’ jinjora r-regolamenti tat-traffiku, specjalment f’ xi lokalita’ bhal dik fejn sar dan l-incident.

Illi ghalhekk meta jigu kunsidrati c-cirkostanzi kollha ta’ dan l-incident, dan it-Tribunal jara li z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-habta in kwistjoni u dan fi gradi ndaqs bejnithom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li r-responsabilita’ w htija ta’ l-incident in kwistjoni ghandha tinqasam fi gradi ndaqs bejn Nicholas Borg u David Said, qed jillikwida d-danni sofferti mill-atturi

fis-somma ta’ Lm591.47c, u jikkundanna lill-konvenut David Said ihallas lill-atturi nofs din is-somma hekk likwidata, u cioe’, l-ammont ta’ Lm295.73c, b’ dan illi l-ammont ta’ nofs l-‘Excess’ (i.e. Lm37.50c) direttament lill-attur Nicholas Borg, u r-rimanenti (i.e. Lm258.23c) direttament lis-socjeta’ attrici Gasan Mamo Insurance Agency Limited. L-ispejjes kollha ukoll ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imghax mil-lum sad-data tal-hlas effettiv tas-somma indikata kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------